KUNSILL LOKALI

LOCAL COUNCIL

RABAT
*Citta' Victoria*

KLR 63/VII/2018

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta 6 ta' Ġunju 2018 fis-19.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dott. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri, Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ u Marcel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT: Il-membru Anthony Briffa.

**63.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar żewġ laqgħat.

**63.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

63.2.1 Rigward l-appell li sar minn diversi bejjiegħa tal-monti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzjar il-membri ġew mgħarrfa li minn naħħa tal-appellanti ntalab li jsir aċċess u dan ġie aċċettat minn naħħa tal-Bord. Dan l-aċċess għadu ma sarx minħabba li ċ-*Chairperson* irriżenjst mill-bord u jrid jiġi appuntt *Chairperson* ieħor.

63.2.2 Is-Sindku propona d-dati tal-laqgħat sa Diċembru 2018. Il-membri qablu ma dawn id-dati:- 11 ta' Lulju, 8 t'Awwissu, 4 ta' Settembru, 2 t'Ottubru, 6 ta' Novembru u 4 ta' Diċembru.

<u>Foss Ċittadella – Komunikazzjoni mill-Aġenzija/Dipartiment tal-Artijiet, Ittra Fondazzjoni Wirt Għawdex</u>

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni rigward il-materja. Din titratta permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar li nħareġ lil Mark Agius sabiex jibni lukanda fi porpjeta' fi Pjazza Indipendenza li twassal sal-foss taċ-Ċittadella. Dan fetaħ żewġ twieqi u bieb fl-istess foss. Peress li l-foss hu devolut lill-Kunsill, l-istess Kunsill kien ġie mistoqsi jekk tax xi kunsens f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qatt ma ġie notifikat b'xi żviluppi li kienu qed isiru u qatt ma ta ebda' kunsens. L-Awtorita' tal-Artijiet ġiet ukoll avżata li l-Kunsill ma ta' ebda' permess għal xogħoljiet fil-foss. Is-Sindku rċieva wkoll korrispondenza mingħand 'Wirt Għawdex' fejn dawn protestaw anke' mal-Awtorita' tal-Ippjanar fir-rigward tal-ftuħ ta' dawn l-aperturi li jagħtu għal ġol-foss. Wara li nfetħu dawn l-aperturi baqa' għaddej ix-xogħol fuq dan il-post u waqt li kien qed isir it-taħmil twaqqat parti sostanzjali mil-ħajt tal-fortifikazzjoni tal-foss. L-Awtorita' tal-Ippjanar ħarġet Avviż ta' Infurzar u twaqqaf ix-xogħol.

**Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Rabat VCT 1020 Għawdex, Malta**
**Tel. No. +356 21563344 Fax No. +356 21563355**
**E-mail :- rabat.gozo.lc@gov.mt Website:- www.victoria.org.mt**
**Dr Samuel Azzopardi – Sindku Josef Schembri – Vici Sindku**
**Kunsilliera – Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttigieg, Anthony Briffa, Marcel Tabone.**

**63.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

63.3.1 Andrew Grima, Segretarju Ġenerali tal-*Valletta Symposium General Meeting* li ser isir bejn it-13 u l-15 ta' Settembru 2018 fil-Belt Valletta. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa u għandu jara xi spejjes u x-xogħol ta' loġistika jinvolvi;

63.3.2 il-Kunsill ta' Kerċem fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li x-xogħolijiet fuq il-proġett li kien ġie propost minn naħa tal-Kunsill ta' Kerċem sabiex isir tranġar tat-triq u *traffic management* fi Triq Wied il-Lunzjata ser ikun qed jinbeda f'qasir żmien;

63.3.3 is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex rigward il-parteċipazzjoni ta' Michela Pace fil-Festival des Lycéens et Apprentis fi Franza. Il-Kunsill ġie mgħarraf li Pace ma tistax tipparteċipa peress li sar xi tibdil fid-dati tal-eżamijiet tagħha u ser jaħbtu fil-ġimgħa ta' dan il-festival;

63.3.4 Philip Sultana fejn għarraf lil-Kunsill li billi m'għadux jaħdem *freelance* fis-servizzi offruti minnu mhux ser ikun jista' jġedded *hosting* jew servizzi ta' *domain* fir-rigward tal-websajt tal-Kunsill;

63.3.5 Nicholas Desira f'isem 'OK Medical' fejn qed jipproponi n-'National Hearing *Screening* Initiative'. Din titratta inizjattiva fejn residenti 'l fuq minn 18 'il sena jkunu jistgħu jiksbu informazzjoni fuq nuqqas ta' smigħ. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jgħin f'din l-inizjattiva li ma tinvolvix spejjes għajr dawk ta' stampar ta' nformazzjoni rigward l-inizjattiva;

63.3.6 Stephen Attard fejn propona sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jagħti 'Ġieħ Il-Belt Victoria' lil żewġ familji/ħaddiema Rabtin li ilhom jaħdmu fil-qasam tal-*catering* għal snin twal. Dawn huma l-famila Portelli/Beżżina li għandhom 'Portelli Confectionary' fi Pjazza Savina u l-familja Said/Agius li għandhom 'Tapies' Bar' fi Pjazza San Franġisk;

63.3.7 id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġei mgħarraf li ġew depożitati €5,000 li kienu allokati għall-attivita' ta' lejliet l-ewwel tas-sena 2017 mill-iskema għall-attivitjaiet kulturali;

63.3.8 l-Avukat Joe Ellis għan-nom ta' wħud mill-bejjiegħa tal-monti. Din il-korrispondenza ntbagħatet lis-Supretendent tal-Pulizija u kopja lis-Seg. Eżekuttiv tal-Kunsill. Fl-ittra l-mittenti ġibdu l-attenzjoni tas-Supretendent tal-Pulizija rigward montijiet li qed jintremgħu illegalment fl-irħula tan-Nadur u x-Xewkija u lmentaw ukoll fir-rigward ta' bejjiegħa oħra li qed jarmaw fil-monti ta' Pjazza Savina u li dawn qed jarmaw f'posti li mhux allokati lilhom;

63.3.9 il-Bord tal-Gvernanza Lokali rigward l-ilmnent li tressaq minn Joe Cassar ta' 'Dove Cot', Triq il-Kapuċċini, Rabat Għawdex. Kopja tad-deċżjoni tinsab annessa f'dokument A.

**Korrispondenza u talbiet ralatati mad-dawl tat-toroq**

Il-membri qablu li:-

63.3.10 ssir bozza *led* fi Triq San Ġorġ, sqaq numru 4. Din għandha teħel minflok waħda eżistenti li fiha d-*demarcation box* lesta;

63.3.11 jsiru żewġ bozzoz ġodda ma arbli tal-Enemalta ezistenti f' daħla fi Triq L-Ewropa kantuniera mal-villa 'Wied il-Għeneb';

63.3.12 titneħħa bozza temporanjament minn ma 'The Willow' fi Triq Sir Paul Boffa peress li s-sid ser iwaqqa l-post. Is-sid aċċetta li din il-bozza terġa teħel mal-post meta l-bini jkun lest. Sadanittant għandha ssir bozza temporanja fuq arblu eżistenti tal-Enemalta li hemm quddiem l-istess post;

63.3.13 titneħħa bozza temporanjament minn ma 21, 22, 23 Triq Dawwara peress li s-sid ser iwaqqa l-post. Is-sid aċċetta li din il-bozza terġa teħel mal-post meta l-bini jkun lest. Sadanittant għandha ssir bozza temporanja fuq arblu eżistenti tal-Enemalta li hemm fl-istess post.

63.3.14 Tressqet korrispondenza mingħand Daniel Sultana li għandu post fi Triq Palma kantuniera ma Triq Mons.Ġużeppi Farruġia. Hu qed jitlbo biex jitneħħew żewġ bozzoz li hemm ma din id-dar. Issuġġerixxa li dawn il-bozzoz isiru *central hanging* kif saru riċnetament fi Triq Palma bejn 'Batu Pharmacy' u 'Fexsev'. Il-Kunsill għandu jieħu l-parir tal-Inġiniera tad-dawl.

## 63.4 *Playing Field*

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

- tlestiet it-tpoġġija tal-*fencing*;
- ser jitpoġġa tank ta' l-10,000 litru mingħand APS Ltd. biex jerfa' l-ilma għat-tisqija tas-siġar. Dan jiswa €2,000;
- ser jitpoġġew żewġ arbli tal-ħadid iggalvanizzat biex fuqhom jitpoġġew is-CCTVs. L-orħos arbli huma ta' Calleja Ltd. li nxtraw bil-prezz ta' €888;
- l-orħos kwotazzjoni għax-xiri u tħawwil ta' siġar u arbuxelli hi ta' 'Spring Co. Ltd.' li ssottomettew l-amont ta' €1,759.21.

Il-membri qablu li għandu jinbeda x-xogħol sabiex jinxtraw bankijiet addattati għall-*playing field.*

Tresqet emejl mingħand Georgina Formosa li kitbet f'isem il-ġenituri tagħha li għandhom garaxx maġenb il-*playing field*. Hi qalet li dan it-tank m'għandux jitpoġġa inqas mid-distanza minima mitluba mill-liġi minn mal-ħajt tal-garaxx imsemmi. Issuġġeriet li jekk dan ikun minnu, l-Kunsill għandu jgħolli l-ħajt tal-garaxx għas-spejjes tiegħu. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jara li dan it-tank ma jkunx ta' xkiel għal dan il-garaxx u ma jitpoġġiex qrib il-ħjat tal-garaxx.

### 63.5 Tqegħid ta' mwejjed u siġġijet – Pjazza San Ġorġ

Sakemm ġeit diskussa din l-item, il-Perit Edward Scerri ġie mistieden jagħti *update* wara li saru laqgħat individwali mas-sidien tal-ħwienet tal-*catering* ta' Pjazza San Ġorġ. Dawn il-laqgħat saru l-Erbgħa 2 ta' Mejju 2018 fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Perit spjega l-pjanta aġġornata, liema pjanta hi annessa f'dokument B. Il-membri qablu li għandu jinbeda l-proċess sabiex jintalbu l-permessi neċessarji tal-entitajiet konċernati.

### 63.6 Jum il-Belt Victoria

Għal din is-sena l-Kunsill ser jerġa jipparteċipa fl-organiżżazzjoni tal-kunċerti 'RockAstra' li ser isir il-Ġimgħa 8 ta' Ġunju 2018 fi Triq Repubblika u 'Leone Goes Pop' li ser isir is-Sibt 9 ta' Ġunju 2018 fi Pjazza Indipendenza. Is-Sindku għarraf lill-preżenti li saret konferenza stampa nhar il-5 ta' Ġunju 2018, fil-preżenza tal-Onor. Dr Justyne Caruana, Ministru għal-Għawdex f' *St. James Cavallier* fil-Belt Valletta fejn ġew imħabbra dawn il-kunċerti.

### 63.7 Pjazza Santu Wistin

Għal din l-item il-Perit Edward Scerri ġie mistieden jagħti l-intervent tiegħu. Hu ressaq pjanta proposta wara li saret laqgħa mar-residneti ta' Pjazza Santu Wisitn u l-inħawi, fl-Oratorju Don Bosco nhar il-Ħamis 12 t'April 2018. Għal din il-laqgħa kienu attendew bosta residenti li taw is-suġġerimenti u l-veduti tagħhom dwar il-proġett li qed jiġi propost mill-Kunsill.

Il-Perit spjega l-pjanta proposta u l-membri qablu li għandu jinbeda x-xogħol preparatorju mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, Enemalta, Go u Vodafone. Għal dan il-għan ser issir laqgħa ma' dawn l-entitajiet nhar it-Tnejn 25 ta' Ġunju 2018 fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Il-Perit u s-Segretrju Eżekuttiv ser jirrappreżentaw il-Kunsill.

Il-membri qablu li l-Kunsill japplika għal-fondi mill-iskema Wifi4Eu sabiex fi Pjazza Santu Wisitn ikun hemm l-aċċess għall-wifi. Qablu wkoll li għanda tingħata €50 għall-kiri tas-sala tal-Oratorju Don Bosco fejn saret il-laqgħa mar-residenti.

### 63.8 Immaniġjar tat-Traffiku

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-:-

63.8.1 *single yellow line* quddiem il-*gate* tal-kunvent ta' Santu Wistin fi Pjazza Santu Wistin;
63.8.2 *one metre double yellow lines* fuq iż-żewġ naħħat tal-garaxx tad-dar 'Mist' fi Triq 7 Gugnio;
63.8.3 *one metre double yellow lines* fuq iż-żewġ naħħat tal-garaxx tad-dar 'Ave Maria' fi Triq San Ġwann Bosco,
63.8.4 *one metre double yellow lines* fuq iż-żewġ naħħat tal-garaxx tad-dar 'Spiteri House' fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II;
63.8.5 *1.5m double yellow lines* fi Triq Santa Dminka;
63.8.6 *Assembly point sign* fi Triq Sir Arturo Mercieca kantuniera ma Triq Kappillan Ħili, Fontana;

Parkeġġi riservati għall-perunsi b'diżabilita'

63.8.7 TM bagħtet talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem id-dar ta' Emanuel Mercieca ta' 3, Triq Gedrin. Il-Kunsill jimla' l-formola rikjesta minn TM;

63.8.8 TM bagħtet talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem il-flat ta' Walter Mompaloe, Blk A, Flat 4, Triq taċ-Ċawla. Il-Kunsill jimla' l-formola rikjesta minn TM;

63.8.9 TM ħarġet permess għal sena ta' 1.5m *keep clear* quddiem id-dar ta' Esther Grech, 32, Triq Għajn Qatet.

Il-Kunsill talab il-permess ta' TM għall:-

63.8.10 *double yellow lines* biswit il-garaxx ta' 'St. Joseph' fi Triq Pawlu Portelli;

63.8.11 *double yellow lines* biswit il-garaxx ta' Anthony Mercieca fi Triq il-Wied;

63.8.12 *parking for light vehicles only* f'Qasam San Ġorġ quddiem il-belvedere.

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM sabiex:-

63.8.13 tinżebaħ '*Reserved*' fil-kaxxa riservta għall-persuni b'diżabilita' ta' quddiem Carmel Grech 86, Triq Santa Marija';

63.8.14 *d-double yellow lines* li nżebgħu temporanjament u fuq suġġeriment ta' TM n-naħħa ta' ġew tas-*central strip* ta' Triq Papa Ġwanni Pawlu jitneħħew minħabba l-fatt li fid-dar 'Arc En Ciel' mhux qed isir bini bħalissa. Il-kunsill ma jsibx oġġezzjoni li dawn jerġgħu jinżebgħu meta jerġa jinbeda l-bini;

63.8.15 isiru *rumble strips* fil-bidu ta' Triq Vanrinġa n-naħħa ta' Pjazza San Franġisk.

Il-membri qalbu li:-

63.8.16 fuq parir ta' TM, il-Perit għandu jħejji *layout plan* li jindika t-*traffic management* fil-kantuniera ta' Triq il-31 ta' Marzu ma Triq Wistin Camilleri;

63.8.17 titħejja pjanta tal-Perit sabiex Triq Santa Martha ssir *one way* minn naħħa tar-*roundabout* ta' fejn DDS u li tkun turi wkoll l-*parking bays*. Dan sabiex jintalab il-permess ta' TM. Ser issir din i-talba peress li din ġiet triq traffikuża ħafna u qed isir parkeġġ mhux kontrollat.

**63.9 Approvazzjni tal-minuti tal-laqgħa tal-lokalita'**

Ġew approvati l-minuti tal-laqgħa tal-lokalita' li saret nhar it-Tlieta 6 ta' Frar 2018. Dawn jinsabu annessi f'dokument Ċ.

**63.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Mejju u Ġunju 2018 skont dokumenti D u E annessi.

## 63.11 Xogħolijiet oħra

Il-membri qablu li:-

63.11.1 li jiġi ffirmat l-ftehim mal-WasteServ Malta Ltd. għas-sena 2018. Dan skont kif anness f'dokument F.

63.11.2 jerġgħa jiġi stampati l-booklet li kien sar fuq ir-Rabat amalgamat mal-proġett tal-ERDF. Dan minħabba l-fatt li għandu domanda mit-turisti li jżuru l-uffiċċju tat-Turiżmu fi ħdan l-MTA li jinsab fi Pjazza Indipendenza;

63.11.3 waqt it-tiġrijiet taż-żwiemel fil-festa ta' Santa Marija jistgħu jinqatgħu permessi tal-kjosks ż-żgħar fi Triq Fortunato Mizzi 'l isfel mill-Villa Rundle. Dan wara konsultazzjoni ma l-orgniażżaturi tal-festa;

63.11.4 minflok il-bozza li tneħħiet temporanjament minn mal-bini fi Triq Sir Paul Boffa, ssir oħra ma abrlu ta' l-Enemalta li tpoġġa riċentament eżatt quddiem fejn kien hemm il-bozza in kwistjoni;

63.11.5 jerġa' jiġi rappurtat lill-TM u lill-Pulizija fir-rigward tan-nuqqas ta' aċċess li hemm miż-żewġ naħħat, kemm minn Pjazza Savina u kemm minn Triq Sir Mikelanġelo Refalo għal Triq l-Arċipriet Saver Cassar;

63.11.6 li jeħel *litter bin* fi Triq il-Wied kantuniera ma Qasam San Ġorġ;

63.11.7 li l-paga ta' Anabel Spiteti li taħdem taħt l-iskema CIES, tiġi aġġustata skont l-Avviż Legali 144/2017;

63.11.8 l-ħaddiema tal-*Community Work Scheme* assenjati mal-Kunsill, ikaħħlu l-partijiet taċ-Ċawla H.E. fejn jitla' l-ħaxix ħażin;

63.11.9 jsir rapport lill-Pulizija minħabba li fil-parkeġġ il-kbir qed jarmaw *fixed hawkers* ibiegħu ħwejjeġ, xorb u ikel.

## 63.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa spiċċat fid-21.00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Erbgħa 11 ta' Lulju 2018 fis-18.00.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv